Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 129/2018

Il-Pulizija
Spettur Roderick Agius

Vs

Emanuel Borg

Illum 6 ta Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Borg detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 34155M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar l-10 ta' Mejju 2012 u fil-jiem u xhur ta' qabel gewwa 88, Triq ix-Xitwa, Hal Qormi u f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi:

1. Ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor jew ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti

immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u cioe' l-kumpanija Enemalta u/jew il-Gvern ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' valur ta' izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-kumpanija Enemalta u/jew il-Gvern ta' Malta, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bil-lok;

3. U aktar talli l-istess data, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49 u 50, 261, 263, 267, 269, 270, 308 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk illiberatu minnhom.

Sabitu hati tat-tieni akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat lill-imputat ihallas is-somma ta' elfejn, mija u sitt ewro, erbgha u tmenin centezmu (€2,106.84) fi zmien sitt xhur ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emanuel Borg, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati, u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Emanuel Borg huma s-segwenti u cioe`:-

1. **In-natura generali tas-serq tal-kurrent elettriku.**

Il-Kodici Kriminali jaghmel biss prezunzjoni wahda dwar is-serq ta' kurrent elettriku. Illi fuq min ikun irregistrat il-meter jew il-kont tad-dawl, jew id-detentur tal-fond, ikun meqjus illi "jaf" jew ghandu x-xjenza mehtiega. Il-ligi ma taghmel l-ebda prezunzjoni aktar minn hekk. Ma tipprezumix illi bniedem huwa hati minkejja kull regola ohra tal-Kodici Kriminali tal-procedura u anke dwar il-prezunzjoni tal-innocenza.

Il-Kostituzzjoni taghna tghid li l-piz tal-prova jibqa' dejjem fuq il-prosekuzzjoni salv fejn il-ligi espressa tghaddi l-piz tal-prova ghal fuq l-akkuzat (Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni). L-Artiklu 264(2) tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li l-unika prezunzjoni hija dwar ix-xjenza. L-elementi l-ohra trid tippruvahom il-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni tista' tghid illi ppruvat illi l-meter kien fih xi bicca plastik u fl-opinjoni tax-xhieda tal-istess prosekuzzjoni kien hemm l-elementi tal-ezistenza ta' mezzi artificjali illi seta' kellhom effett fuq il-konsum tal-elettriku. Pero` il-prezunzjoni juri stantum hija illi kien hemm ix-xjenza mehtiega ghar-reat. Pero` l-elementi l-ohra il-prosekuzzjoni riedet tippruvahom.

Ghax effettivament lanqas saret prova tas-serq. Prova biss li l-meter kien hemm hsara fih fuq il-kaxxa tieghu, imma ma kien hemm l-ebda prova ta' "mezzi li jwaqqfu l-konsum". Ma nstab l-ebda brix jew xi sinjal iehor. Ma kien hemm l-ebda prova ta' komunikazzjoni qarrieqa, xi wire jew konnessi. L-Enemalta ppresumiet wisq.

**Qed issir riferenza ghas-sentenza Qorti tal-Appell Kriminali Pulizija v Raymond Abela 16/7/1990.**

2. **Nuqqas ta' provi mehtiega biex jipprovaw min hu detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond**

**Huwa important li jsir ezami tax-xhieda.** L-ezami tax-xhieda juri s-segwenti:

**John Vella** xehed ilil mar u ezamina biss il-meter. Hares lejh u wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu. Fuq l-akkuzat ma qal xejn.

Xehed **Joseph Giuliano**. Dan ix-xhud waqt li jsemmi lis-Sur Emmanuel Borg fl-ebda mument ma gie mistoqsi mill-prosekuzzjoni jew mill-Qorti biex jindika min kien is-Sur Emmanuel Borg. Dan huwa aspett normali hafna ghaliex m'hemmx prezunzjoni illi s-Sur Borg illi jkun fl-izbarra huwa l-istess Sur Borg illi qed jitkellem fuqu s-Sur Giuliano b'wiccu lejn il-Magistrat u minghajr ma jaghmel referenza ghall-persuna li huwa qieghed jaghraf u jindika fl-awla. Huma proprju John Vella u Joseph Giuliano illi marru fuq il-post, u hadd minnhom ma pponta subghajh lejn Emmanuel Borg li kien fl-izbarra. Certament m'hemmx prezunzjoni li min ikun fl-izbarra huwa l-persuna li x-xhud ikun qieghed jirreferi ghalih.

Xehed **Alan Chetcuti**. Dan qal illi l-meter effettivament kien gie rregistrat fuq talba tas-Sur Francis Borg. Il-Qorti staqsietu jekk kienx hemm *change of ownership* jew *change of registered owner*. Hu qal li ma jistax jirrispondiha u kellu jerga' jgib ir-risposta. Fil-fatt qatt ma kien hemm tibdil minn Francis Borg bhala registered owner tal-post.

Xehed **is-Surgent PS 539 Fabian Caruana**. Dan ukoll qal biss li ha r-rapport ta' Giuliano li qallu li kien mar fir-residenza 88, Triq ix-Xitwa, Qormi, fil-prezenza ta' sidha "Emmanuel Borg" fejn sabu l-meter tad-dawl tal-marka mbabas. Pero` l-istess xhud qal, "*Jien ma mortx fuq il-post, just kemm gie jkellimna s-Sur Giuliano". Ghal darb' ohra ma kien hemm l-ebda parti mix-xhieda tas-Surgent Fabian Caruana illi jdur u juri b'subghajh lill-imputat prezenti fl-awla u l-Qorti tirregistra l-verbal "ix-xhud qed jindika lill-imputat."*

Ta' min jirrileva wkoll li l-ebda wiehed mix-xhieda tal-prosekuzzjoni indika l-Identity Card ta' Emmanuel Borg ghall-inqas.

Ta' min jghid ukoll kemm huwa zbaljat ir-rapport li ta s-Sur Giuliano lis-Surgent Fabian Caruana illi jghid li 88, Triq ix-Xitwa, Qormi, hija r-residenza ta' Emmanuel Borg, hu min hu, meta Emmanuel Borg li kellha quddiemha l-Qorti joqghod fid-dar Peprina, Triq il-Helsien, Qormi u ilu hekk irregistrat bl-Identity Card tieghu ghall-eternità ta' zmien.

L-Ispettur tal-Pulizija lanqas biss investiga lil Emmanuel Borg u hadlu stqarrija. Naturalment kieku kien ikollu bzonn sahansitra l-prova tal-identità. Il-prosekuzzjoni kienet qed tipprezumi wisq illi kollox se jigi prezunt favur taghha meta l-ligi ma tghidx hekk.

Hemm ukoll certu mistoqsijiet tal-Qorti li huma ipotetici illi xorta wahda ma jwasslux partikularment ghall-prova tal-identità tal-persuna akkuzata mal-fatti li kienu qeghdin jirrakkuntaw.

Kien f'dan il-kwadru li l-imputat kellu dritt u zamm is-silenzju tieghu. Allura lanqas dik il-prova l-prosekuzzjoni ma tista' tghid illi ghandha.

U ma tistax taghmel ebda uzu mill-fatt li l-appellanti baqa' sieket quddiem il-Qorti.

**Xi prova hemm illi Emmanuel Borg kien il-persuna li qed jokkupa l-fond jew id-detentur tal-fond jew tal-installazzjoni tal-elettriku illi kienet mill-bidu u ghadha registrata fuq Francis Borg?**

**Bir-rispett kollu din is-sentenza ipprezumiet il-htija ta' Emmanuel Borg u li kellu hu jipprova l-innocenza tieghu. Naturalment dan jivvjola kull principju tad-dritt fundamentali u tal-prezunzjoni tal-innocenza. L-ewwel il-prosekuzzjoni kellha tipprova minghajr dubju ragjonevoli u bi provi skont il-ligi, li l-appellant kien okkupant jew kellu kontroll tal-fond, imbaghad tista' tistrieh fuq il-prezunzjoni tax-xjenza.**

3. **Il-valur tas-serq u r-reat kontinwat**

Hawnhekk il-prosekuzzjoni bhalma jigri diversi drabi, hadet il-linja illi l-EneMalta taghmel kalkolu globali tal-ammont li tippretendi illi gie kkunsmat u mhux imhallas. Anke taqbad u tiffissa sena meta jidhrilha u tibda minn hemmhekk 'il quddiem.

Jidher illi huwa zball endemiku li diversi sentenzi, u dan specjalment minhabba li l-Qrati jigu indotti fi zball mill-prosekuturi, meta jkun hemm reat illi jirrepeti ruhu kull gurnata u allura jaslu illi flok jaghtu l-per diem u l-kontinwat, jigbru s-somma globali u jghidu illi dak is-serq ikun qabez per ezempju l-ammont ta' €2,329. Fil-fatt il-ligi taghna mhijiex hekk. Jekk wiehed jigi akkuzat illi seraq u s-serq kien ikkunsmat f'diversi okkazjonijiet ma taghmilx it-total imma tiehu l-ikbar somma u dak jiddeciedi l-valur. Naturalment minhabba r-ripetizzjoni jkun hemm ir-reat kontinwat.

Issa din il-kwistjoni gieli qamet u giet ikkontestata u meta giet ikkontestata il-pozizzjoni tal-prosekuzzjoni illi tiehu ammont globali dejjem giet respinta.

L-aktar sentenza remota hija dik tal-Imhallef **William Harding, Pul v Salvu Depares 6/3/1954.**

Peress li ma tistax facilment tikkopja minnha, l-esponenti qed jesebixxi kopja taghha intiera u tinsab fil-process.

L-esponenti qed jaghmel riferenza ghas-sentenza **App Krim Pulizija v Peter Borg 18/6/2009**:

Din is-sentenza hija importanti ghal zewg ragunijiet. Wahda minnhom hija minhabba l-elementi tat-truffa u l-ohra minhabba l-kwistjoni tal-valur u l-kontinwat. F'dak il-kaz ta' Peter Borg, kien bejjiegh tal-gass u kien inaqqas ftit minn kull cilindru u jimla ohrajn. Il-Qorti ma sabitx naturalment it-truffa ghaliex ma kien hemm l-ebda messa in scena u l-vittma volontarjament imbaghad gie ngannat biex jaghti dak li ma kellux jaghti. Imma dik is-sentenza marret oltre u spjegat il-punt tal-kalkolu tal-valur.

Il-kalkolu tal-valur f'dak il-kaz il-Qorti qalet li ma jistax ikun la l-ammont globali, sempliciment l-ammont ta' kull darba pero` bil-kontinwat.

"Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-valur involut pero` l-appellant ghandu ragun. Kull att ta' biegh ta' cilindru imbaghbas kien jikkostitwixxi reat kunsmat f'sensiela ta' reati kommessi fi zmienijiet differenti li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda w konsegwentement jammontaw ghal reat kontinwat. Ghalhekk irid jittiehed biss l-oghla valur talhsara pprokurata b' kull biegh ta' cilindru "*uti singoli*" u mhux tal-valur komplessiv tac-cilindri kollha li setghu mbieghu jew li kienu lesti biex jimbieghu fil-garage tal-appellant. Ghalhekk, peress li l-valur ta' kull cilindru mimli kif suppost ma kienx jeccedi l-Ewro 11.65c (u ergo il-gass mehud minn kull cilindru b' qerq kien indubbjament inqas minn hekk ukoll), ghall-fini tal-piena, japplika l-artikolu 310 (d), s' intendi biz-zieda ta' grad jew tnejn skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, stante li r-reat kien kontinwat.

F'dak il-kaz kienet nizzlitu ghal anqas minn €11 u mhux ghal eluf ta' ewro.

L-istess argument japplika ghal dan il-kaz ukoll. Il-konsum ta' kull gurnata gie stabbilit u ma jistax jinghad illi din mhijiex il-pozizzjoni gusta. €2 kuljum. Ma hemm l-ebda prezunzjoni li d-dawl ikun qed jigi kkunsmat il-hin kollu, ma jieqaf qatt, u accidentalment li ma jinqatax id-dawl.

Appena jigi kkalkulat kull gurnata kif gara f'dan il-kaz, l-ammont jigi ma jaqbizx il-valur minimu u mhux dak illi qed jigi mitlub jew indikat mill-EneMalta.

**Bizzejjed hija prova ghal kollox arbitrarja illi l-EneMalta tfajjar ammont skont kalkolu illi jidhrilha? Is-serq irid jigi ppruvat fl-elementi kollha tieghu u anke fil-valur? U jekk lanqas dell ta' prova ma kien hemm jekk l-appellant hux detentur u minn meta, kif fajru 4 snin?**

Fin-nuqqas, din l-Onorabbli Qorti ghalhekk kemm minhabba r-raguni tal-ammont ta' kull gurnata bil-kontinwat kommess f'diversi granet distinti u kemm minhabba illi l-prova tal-valur trid tkun bhala aggravanti tar-reat, trid tkun ippruvata minghajr ebda dubju ragonevoli mill-prosekuzzjoni. Kalkolu bir-rispett kollu mhuwiex prova tad-dannu effettiv.

**Fl-aghar ipotesi ghalhekk li hu applikabbli huwa l-artikolu 278(4) tal-Kodici Kriminali, meta l-valur ikun taht €23.29, bil-kontinwat.**

**Il-piena tigi sa massimu ta' 9 xhur, bhala piena ordinarja. L-awment tal-kontinwat skont l-artiklu 18 huwa fakoltativ u mhux mandatorju.**

4. **Preskrizzjoni.**

L-Enemalta marru fuq il-post fl-10 ta' Mejju 2012. Ghaddew 4 snin sakemm infethu l-proceduri quddiem il-Qorti. Ghaddew aktar minn sentejn.

Skont l-Artiklu 689 il-preskrizzjoni hija ghar-reat fil-piena ordinarja tieghu. Il-piena ordinarja tieghu (cioe` l-piena tassattiva tal-ligi) hija dik tal-Artiklu 278(4). U cioe` 9 xhur.

Skont l-Art 688(2) il-preskrizzjoni hija ta' sentejn.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-esponent kellu jigi liberat.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2018.

Ikkunsidrat,

Rat illi nhar il-21 ta' April 2016 deher **Alan Chetcuti** rappresentant tal-Enemalta u esebixxa l-kwerela mahruga mill-Enemalta mibghuta lill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-fond Townhouse 88, Triq ix-Xitwa, Qormi liema kwerela tinsab a fol. 9 tal-process.

**Alan Chetcuti** rega xehed nhar it-2 ta' Gunju ,2016 u spjega l-kaz fejn l-Enemalta kienet sabet xi irregolaritajiet f'dan l-imsemmi meter u ghalhekk ghamlu stima ghal-konsum mhux registrat. Marru lura l-ahhar erba' snin hajja ta' dan il-post u l-kont hareg fuq relazzjoni tar-readings l-antiki li gew fattwalment registrati fuq dan il-meter f'dawk l-ahhar erba' snin, ikkumparati ma l-ewwel reading ta' l-ewwel sena jew biex ikun preciz 384 jiem wara l-ispezzjoni fejn ir-readings telghu ghal 42.16 units ta' dawl kuljum. Jekk iqabbel r-readings ta' l-ahhar erba' snin *on average* kienu

ta' circa 31.9units ta' dawl kuljum. Hawnhekk hawn penali li huwa ta' 20% bhala konsum mhux registrat minghajr penali minghajr imghaxijiet u ghalhekk kien qed jitkellem fuq is-somma ta'€2,106.84. Huwa pprezenta kopja ta' l-istima u readings li gew registrati mis-sena 1996 sal-ahhar reading li ttihed f'Mejju li ghadda dawn gew markati bhala dok AC1 u AC2 rispettivament.

In kontro esami jghid li l-meter antik kien twahhal fl-20 ta' Gunju 1983 izda jista' jkun li jkun hemm xi varjanza ta' gurnata. Dan twahhal fuq applikazjoni ta' Francis Borg. Mistqosi jekk kienx hemm change of ownership jew change of registered owner jghid li ma setghax iwiegeb dakinhar. Pero' jaf li fil-fond jghix Emmanuel Borg.

Mistoqsi jekk il-meter reader mar darba biss jghid li le, pero' imur biex jiccekja u jaqra r-reading u mhux biex jezamina il-meter.

Spjega li l-meter kien inqara fit 3 ta' Mejju, 2012 pero' l-meter reader rega' mar fl-10 ta' Mejju 2012. F'dawn is-sitt ijiem il-meter irregistra konsum ta' 91.7 units ta' dawk kuljum mentri fil-perijodu precedenti kien qieghed jirregistra 26,34 u 41 kieku kellu jarhom b'lura x'gara f'dawk is-6 ijiem meta mar l-meter reader ma jafx. Ma setax jaghti raguni ghaliex il-konsum sploda ghal livell li qatt ma kien gie registrat qabel.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Joseph Giuliano** nhar it-2 ta' Gunju, 2016 u spjega illi nhar l-10 ta' Mejju 2012 ghal habta ta' 9.00a.m. mar ghand is-sur Emanuel Borg go razzett numru 88, Triq ix Xitwa, Qormi. Waqt kienu qed jibdlulu l-arlogg l-antik biex ighamlulu l-arlogg il-gdid u cioe' tas-sistema ta' l-ismart meters sabu li dan kien miftuh. Spjega li dan fisser li xi hadd kien fethu, kellu s-sigilli ta' l-arlogg imbghabsin, kellu bicca plastic li bdiet tintuza biex tieqaf ir-rota, kellu bicca mill-gasket (il-kumpaniha tghamillu gasket biex ma jidholx trab fih biex jibqa' dejjem tajjeb biex jibqa' preciz) u din kellha bicca maqtugha biex johloq spazju biex jidhol oggett u kellu ukoll parti diformata (mghawga) minnu fil-hadid biex johloq spazju ghal dak l-oggett li kien qed jidhol bex izomm ir rota milli ddur. Barra minn hekk l-arlogg kien mimli bit-trab u hmieg li beda jidhol ovvjament minhabba li ma kienx maghluq sewwa u dak wahdu diga' qieghed jirizulta li l-arlogg ma kienx qieghed

f'posizjoni li jimmarka kemm suppost. Fuq il-post kien mar ukoll John Vella mieghu u jidhirlu li ha xi ritratti ukoll. Spjega li John Vella huwa s-Superjur tieghu.

**PS 539 Fabian Caruana** xehed fl-istess jum tat-2 ta' Gunju, 2016 u kkonferma li kien hu li ghamel ir-rapport fl-10 ta' Mejju, 2012. Qal li ma kienx mar fuq il-post fejn saret l-ispezzjoni izda kien mar ghandu s-Sur Giuliano fil- kariga tieghu ta' *team leader* mal-Enemalta fejn qal li ghal-habta tad-9.00am kienu ghamlu spezzjoni fir-residenza 88, Triq ix Xitwa, Hal- Qormi fil-presenza ta' sidha Emmanuel Borg fejn sabu meter tad-dawl tal-marka Ganz bis-serial number 1650075 u kien jaqra 579002 li kien imbaghbas fejn kellu xi gasket nieqsa, plastic strip nieqsa, is-sigill maqtugha u xi hsara mal-genb tal-meter fejn dan gie mibdul b'wiehed gdid tal-mudell GIST bis-serial number 11-15016090 u li kien jaqra zero li gew issigillati mill-gdid dakinhar. Huwa esebixxa kopja tal-okkorenza li giet mmarkata bhal dok FC 1 a fol. 25 ta' l-atti.

**John Vella** xehed fl-14 ta' Lujlu, 2016 (fol. 28) u spjega li fl-10 ta' Mejju 2012 kien mar l-installer Joseph Gagliano minn tal-Enemalta biex ibddel il-meter li kien hemm installat fil-fond numru 88, Triq ix-Xitwa, Qormi u dan innota xi irregolaritajiet u cempel lill-imghallem tieghu. Meta mar fuq il-post innota li l-meter kien fih xi affarijiet go fih ili zgur jindika li dan ma baqghax issigillat kif suppost kien. Jghid li kien hemm hafna trab, bicca qisu zrar irqiq u bicca plastic hamra u dan allura ta x'jifhem li dan il-meter f'xi zmien kien infitah. Huwa esebixxa numru ta' ritratti u r ritratt a fol 78 juri bicca plastic hamra li ma kellha x'taqsam xejn mal-meter u instabet gol meter. Qal li jidhru wkoll is-sigilli li ma humiex originali speci vera huma tac-comb izda jidhru li kienu maltratati.

Qal li jista' jghati l-kaz li dawn is-sigilli infethu b'xi tnalja normali u inghalqu bi tnalja tas-sigilli u dan qed ighidu ghaliex kien hemm numru ta' ghafiesi. Qal li kien ilu ighamel dan ix-xoghol ghal perijodu ta' ghoxrin sena. Qal li mill-esperjenza jinduna li hemm xi haga hazina appena ihares lejn meter u wara li jiftah il-meter jikkonfemra il-hsieb tieghu. Dan il-meter kellu hafna gebel, zrar u plastic.

Spjega illi huwa m'ghandux x'jxaqsam xejn mal-ownership tal-meter u ma jidholx fiha. Dik hija il-materja ta' Alan Checuti. Ikkonferma li l-meter in kwistjoni kien

wiehed antik forsi kellu xi sittin sena ghaliex bil-minutiera u bir-roti. Zgur pero li l-meter ma johrogx biz-zrar mill-fabbrika. Mistoqsi jekk jistax jistabilixxi meta in effetti infetah il-meter jghid li ma jistax jistabilixxi iz-zmien.

**Michael Buttigieg** xehed in difesa nhar it-12 ta' Ottubru 2017 u jghid li huma ghamlu il-kalkolu taghhom fuq perjodu ta' 51 gurnata u dan kien fl-ammont ta' €102. Qal li kellu perijodu ukoll fejn l-istima kienet ghola minn zewg euros kuljum. Hemm perijodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 2008 sal-31 ta' Marzu 2009 bl-istess *bench mark* ta' 42 unit li jigi €748.27 centzmu euro fuq mija u ghoxrin gurnata. Jghid li hemmhekk hemm inkluz ukoll l-interessi.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel Qorti ma kienitx sabet htija fil-konfront tal-appellant dwar ir-reat ta' frodi u lanqas li hu recidiv u ghalhekk dan l-appell sar biss mill-pronunzjament dwar l-akkuza ta' serq aggravat ta' konsum elettriku.

Illi l-fatti fil-qososr kienu s segwenti:-

1. Illi nhar l-10 ta' Mejju 2012 xi haddiema tal-Enemalta marru jghamlu spezzjoni fil-fond 88, Triq ix-Xitwa Qormi u dan bil-ghan li jbiddlu l-meter li kien hemm installat.

2. Gie provat li l-meter kien registrat f'isem Francis Borg kif stqarr Alan Chetcuti pero' ir-rappresentant tal-pulizija u tal-Enematla jghidu li l-fond in kwisjtoni jappartjeni lill-appellant.

3. Illi Joseph Gugliano jghid li kien hemm tbaghbis fil-meter tant li kien hemm bicca plastic hamra fil-meter li bdiet tintuza biex tieqaf ir-rota[1], kellu bicca mill-gasket u din kellha bicca maqtugha biex johloq spazju biex jidhol oggett u kellu parti diformata (mghawga) minnu tal-hadid biex johloq spazju ghal dak l-oggett li kien qed jidhol biex izomm ir-rota milli iddur.

4. Il-meter infetah fil-presenza tal-appellant.

[1] Xhieda a fol. 12 seduta tat-2 ta' Gunju 2016.

5. Illi skond Chetcuti l-Enemalta ghamlet il-kalkoli taghha fuq kalkolu ta' l-ahhar erbgha snin hajja ta' dan il-post u l-kont hareg fuq ir- readings l-antiki li gew fattwalment registrati. F'dan il-kaz kien gie kalkolat li l-imputat kien qed juza 31.9 units kuljum. Pero' meta dawn gew maqbula mar-readings li saru waqt l- ispezzjoni dawn kellhom qari ta' 42.16 unit kuljum[2].

6. Bhala konsum mhux registrat gie stmat l-ammont ta'€2,106.84 filwaqt li €140 kienu dovuti bhala *disconnection fee* ta' €139.76, *settlement fee* ta' €210.68 u Vat ta' 5 % fl-ammont ta' €105.34 u ghalhekk l-Enemalta kienet qed titlob l-ammont globali ta' €2,948.49 minghand l-appellant.

Ikkunsidrat,

L-**Artikolu 264(1) tal-Kap 9** li bih huwa akkuzat l-imputat jistabilixxi li jekk jigi ppruvat il-ksur u l-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku (kif gara f'dan il-kaz) jew ibiddel ir-registrazzjoni tal-konsum, allura jitqies bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu nstabu dawn il-mezzi qarrieqa, **jaf** b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju.

Il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom **Il-Pulizija v Anthony Lanzon**[3], **Il-Pulizija v Emanuel sive Lino Cassar**[4], **Il-Pulizija v Paul Barbara** [5] fejn gie spjiegat il-presunzjoni *iuris tantum* applikabbli ghal dan ir-reat kif dispost fl-Artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk f'dan il-kaz, l-onus tal-prova jinqaleb u ma jibqax iktar fuq il-Prosekuzzjoni izda jinkombi fuq l-imputat odjern. Ir-rizultat ta' dan l-ispustjar tal-prova ghal fuq l-imputat hi li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet reza aktar facli u b'hekk hi tkun tista' tasal fejn trid minghajr sforzi ta' xejn.

---

[2] Xhieda fol. 15 seduta tat 2 ta Gunju 2016

[3] Deciza nhar it-2 ta' Settembru, 1998

[4] Deciza nhar is-26 ta' Ottubru, 1998

[5] Deciza nhar is-26 ta' Mejju, 1998

Illi huwa car ghalhekk li dan l-Artikolu 264(2) tal-Kap. 9 johrog presunzjoni ta' **dolo**, *iuris tantum*, li ghandha tipprevali jekk ma jigix ippruvat il-kuntrarju.

Din il-presunzjoni ma hix xi wahda assoluta w li ghandha tigi applikata bl-akbar rigorosita'. Din tregi biss sakemm ma jingibux provi kuntrarji li jistghu jingiebu mill-imputat. Ma' dan il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispustjax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat ghal fuqu. L-oneru tal-prova jibqa' dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha a favur taghha din il-presunzjoni li pero', tista' tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni jew tad-Difiza [ara wkoll Appell Kriminali 282/93 **Il-Pulizija v Michael Attard**[6] per Imhallef Carm Lino Agius].

Huwa ovvju li l-asportazzjoni ta' l-elettriku hi asportazzjoni ta' tip specjali u *sui generis*, trattandosi mhux ta' korp fiziku imma ta' current ta' elettriku, issir mhux bil-komunikazzjoni llegali, li ghal bzonn tista' tkun saret minn haddiema qabel, imma bl-uzu attivat ta' l-apparat kunsumatur ta' l-elettriku fil-konsapevolezza li l-konsum mhux qed jimmarka jew mhux qed jimmarka sew minhabba interruzzjoni. Min juza l-apparat konsumatur u wara li jkun sar it-tbaghbis u meta jkun jaf b'dan, ma jigux qed jisraq inqas milli kieku kien hu stess li interrompa r-registrazzjoni.

Huwa ovvju illi biex jigi ppruvat is-serq, iridu jikkalkulaw l-element materjali u formali necessarji f'kull reat, il-*mens* u l-*actus* iridu jissussistu l-elementi kollha ta' dan ir-reat.

L-*actus reus* tas-serq jinkludi fih il-fatt li l-akkuzat ibbenifika anke minimament mill-ezekuzzjoni tal-hsieb li bil-*mens rea* tieghu iddecieda illi jattwa.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saviour Tabone**[7] gie deciz: Fl-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad testwalment: "*Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumi fis-servizz pubbliku, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum*

[6] Deciza nhar il--12 ta' Frar, 1993.

[7] Deciz fit- 18 ta' Marzu 2010 mill-Qort tal-Appelli Kriminali . Vide anke deciz minn din l-istess Qorti , **Il-Pulizija vs Peter Bugeja**, deciz nhar it- 13 ta' Jannar 2011 u **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri et** deciz nhar l- 20 ta' Gunju ,.2013.

*illegittimu ta' dan l-ilma, gass jew kurrent ta' l-elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter tal-kwantita mehudha jew kunsmata jitqies sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu l-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku skond ma jkun il-kaz."*

Illi dina hija presunzjoni li giet deskritta f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Abela**[8], bhala "*presunzjoni feroci*" u kompliet tghid: "*La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett … il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar."*

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Bruno**[9]. Din il-Qorti, pero`, tosserva li hawn si tratta ta' periodu ta' aktar minn erba' snin–minn wara Novembru 1989 sat-13 ta' April, 1994. Fil-fehma ta' din il-Qorti, biex issir il-prova, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, a bazi tar-record of consumption li kien hemm (mhux semplicement li probabbli li kien hemm) serq ta' kurrent elettriku fil-periodu inkriminat, kellha tingieb prova tal-load ta' l-apparat elettriku f'dak il- periodu.

Jidher li l-pulizija ma ghamlux l-icken sforz ta' investigazzjoni f'dana r-rigward. Lill-appellant lanqas ma staqsewh x'apparat elettriku u x'dawl kien hemm fil-fond tul iz-zmien li l-fond baqa f'idejgh ; l-appellant ma giex interrogat mill-pulizija bil-hsieb li jigi stabbilit dana l-punt.

Fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm prova sodisfacenti, cioe` sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, ta' tali serq fil-periodu inkriminat.

---

8 Deciza fis-16 ta' Lulju 1990

9 Appell Nru 129/00; Deciz 31 ta' Mejju, 2000, per Onor. Imhallef Dr Vincent Degaetano

Pero' l-appellant ma xehedx u lanqas ma ressaq xi xhieda sbaiex jittenta jippotja l-onus li l-ligi tistabilixxi fil-konfront tieghu. Strah biss fuq il-provi imresqa ill-prosekuzzjoni.

Ghalhekk fil-kamp penali hu d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza sa l-inqas dettal u ma jispettax lill-akkuzat jipprova hu li kien ilu anqas minn hames snin jisraq id-dawl jew li jipprova x'appliances kellu tul il-medda taz-zmien li gie akkuzat li fih wettaq is-serq imputat lilu u dan sabeix jigi provat b'mod sodisfacenti id-differenza fil-qari; Dan qed jinghad anke jekk jidher li s-service box in kwistjoni kienet ilha snin fl-istess post u li in effetti dehret imbaghbsa!

Galadarba l-Pulizija ghazlet li tohrog akkuzi fuq serq, kien fid-dmir taghha li taghmel id-debita prova dwar l-ammont tas-serq hekk addebitat lill-akkuzat.

Illi ma tista' qatt tinstab htija fuq akkuzi bbazati semplicement fuq stima; stima arbitrarja mahduma fuq perjodu daqstant iehor arbitrarju ta' erbgha snin, fejn jigi skartat ghall-kollox il-principju baziku legali li "onus probandi incumbit qui osservit[10]".

Issa f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li verament kien hemm serq ta' kurrent elettriku - w dan qed jinghad ghaliex l-imputat ma rnexxilux jeghleb il-presunzjoni *iuris tantum* li l-ligi timponi fuqu, irnexxielha wkoll tipprova l-mezz tas-serq stante li kien hemm tbaghbis fil-gumi li bhala konsegwenza ta' dan kien hemm in-non-registrar tal-konsum, pero' verament li kif sostniet id-difiza ma pprovatx l-aggravju tal-hin. Kien jispetta lill-istess Prosekuzzjoni tipprova dan l-aggravju, minkejja li tezisti l-prezunzjoni *iuris tantum*. Illi pero' kien jispetta lil prosekuzzjoni tipprova ukoll l-aggravji tal-hin, vlaur, lok u mezz moghtija minnha. M'hemmx dubbju li filwaqt li l-aggravju tal-mezz jirrizulta provata u dan ghaliex is-serq sar permezz ta' sgass fil-gumi tal-elettriku, u fil-lok ghaliex is-serq sar fir-residenza tal-appellant. L-aggravju tal-hin ma jirrizutlax u lanqas tal-valur stante li l-Qorti m'hix

---

[10] Manzini, Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- "Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

konvinta bil-modalita ta' kif gie kalkolat l-ammont allegatament misruq u ghal kemm dam ghaddej dan is serq.

Illi d-difiza issostni fir-rikors taghha li l-akkuza hija preskritta u dan ai termini tal-artikolu 688( (e) tal-kap 9 tal ligijiet ta Malta u cioe' bl-gheluq ta' sentejn .

Jinghad li l-appellant hu akkzuat bir-reat ta serq aggravat bil-mezz u bil-lok. l-artikolu 278.(1) tal- kap 9 jipprovdi is segwenti

*Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.*

Waqt li is sub inciz (2) jipprovdi li *Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikunakkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux diktal-"vjolenza", <u>il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha</u>*. Ghalhekk il-piena li din il-Qorti tista' tikkomina hija dik ta' bejn ħames xhur sa tliet snin. Ghalhekk l-artikolu tal-preskrizzjoni citat mid difiza hu zbaljat. Semmai l-artikolu tal- prskrizzjoni li kellu japplika hu dak tal-artikolu 688 ( c) li jipprovdi s-segwenti:-

**Artikolu 688** *"Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni*

*(d) l-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin u mhux anqas minn sena*

Ghalhekk il perijodu preskrittiv fil-kaz in desamina huwa dak ta' hames snin. Ir-rapport sar f'Mejju 2012 u l-kawza giet intavolata f'Dicembru 2015 u ghalhekk entro il-hames snin u konsegwentment din l-eccezzjoni tad-difiza qed tigi respinta.

Illi mill-provi fuq imsemmija jidher li ghalhekk minkejja li l-ewwel Qorti kienet koretta li issib lill-appeklant hati ta' serq ta' kurrent elettriku din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravji tal-hin u tal-valur ma gew pprovati u ghalhekk sejra tilliberah minn dawn l-aggravji.

Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-appell tal-appellant fis-sens li tikkofnerma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn illiberatu mill-ewwel u mit-tielet akkuza,e qeda timmodifika is-sentenza fir-rigward tal-htija tat-tieni akkuza fis-

sens li tiddikajr tali akkuza ta' serq aggravat bil-hin u bil- valur ma jirrizultax pero' tikkofnermha f'dik il-pati fejn sabithu hati tal-aggravju tal-lok u l-mezz.

Din il-Qorti qeghda tvarja l-piena inflitta mill-ewwel Qorti b'dan illi qeghda tikkundannah ghal-piena ta' prigunerija ta' sena sospiza ghal sentejn. Qieghda wkoll timmodifika s-sentenza appellate fis-sens li m'hix ser tikkofnerma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta' €2106.84 lil Enemalta u dan ghaliex m'hix konvinta li l-ammont dovut lil Enemalta fil-fatt huwa dak citat fis-sentenza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur